**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Rosianne Cassar**

Kaz Numru: 713/2015

Illum 27 ta' Awwissu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjub kontra l-imputata **Rosianne Cassar**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Anthony u Maria neé Schembri, imwielda Pietà, nhar it-30 ta' Ottubru, 1992 residenti fil-fond numru 39, Triq Nelson, Bormla, detentrici tal-Karta tal-Identità bin-Numru 513792(M) akkuzata talli bejn Gunju 2014 u April 2015, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. estorċit flus jew xi ħaġ'oħra, u għamlet qligħ ta' elf, seba' mija u sebghin ewro (€1770.00), billi heddet li tagħti malafama lil X u dan bi ksur tal-Artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. nhar is-26 ta' Awwissu, 2015, bil-hsieb li testorci flus jew xi hag'ohra, jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruxxi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil X tat bidu ghal dan il-fatt meta ghamlet kuntatt ma' Y fuq is-sitt elettroniku *Facebook* u dan bi ksur tal-Artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

3. bejn Gunju 2014 u Awwissu 2015, gewwa dawn il-Gzejjer, u cirkustanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil X jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu, jew biex timmalafama lil X jew xi persuni ohra jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih (Artikolu 49(a)(b)(c) Kapitolu 399);

4. bejn Gunju 2014 u Awwissu 2015, gewwa dawn il-Gzejjer, u cirkustanzi kkommettiet reat peress li ghamlet uzu minn *computer*, b'mod mhux dovut skond it-termini tal-Artikoli 337(C) u 337(F)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha

tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghar-reati addebitati lilha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, u l-fedina penali taghha (li hija wahda kompletament nadifa). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputata ghall-perjodu ta' prigunerija effettiv pero ghal perjodu ta' prigunerija li jkun sospiz bil-ghan li l-imputata tifhem li dak li ghamlet huwa hazin u taghraf ma tergax tirrepetih. Apparti dan, il-Qorti ser taghmel ordni ta' hlas fis-sens li, fi zmien stabbilit, l-imputata thallas lill-parti leza X l-ammont li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 250, 337(C) u 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Rosianne Cassar hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur thallas lill-parti leza X s-somma ta' elf, sebgha mija u sebghin Euro (€1770.00).
Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien li l-

perjodu ta' prigunerija li gie sospiz jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' €1770 fiz-zmien lilha moghti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-materjal li jinsab f'Dok. "X" u "Y" ezebiti fis-seduta tallum.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**